MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 26/09

It-Tlieta 14 ta' Ottubru 2025

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-ħamsa (5:00pm) ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Romeo Baldacchino – Sindku
Andrew Dalli – Viċi Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Claire Chetcuti – Kunsilliera

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Nil

**ASSENTI**

Marija Micallef – Kunsilliera

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

Lara Mascena - Segretarju Eżekuttiv

Kunsill Lokali – Il-Gudja - Local Council
88, Triq Raymond Caruana, Il-Gudja
Tel: 21672020; Fax: 21664646; email: gudja.lc@gov.mt
Sindku: R. Baldacchino; Viċi-Sindku: A. Dalli Kunsilliera: S. Caruana, M. Micallef u C. Chetcuti

**26.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

26.3.1 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-ispiża biex tiġi spustjata l-magna tal-BCRS hija waħda sostanzjali . Is-Sindku propona sabiex tingħata l-ispiża eżatta u l-Kunsill jikkunsidra jekk għandhux iħallas nofs l-ispejjez. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

26.3.2 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li xogħlijiet fi Triq Mons.Pawlu Mallia kienu lesti u fadal l-aħħar staff tarmak.

26.3.3 Ġiet diskussa l-problema li qed ikun hemm fi Triq il-Magħsar, fejn is-Sindku propona sabiex Triq il-Magħsar tiġi one way (titla' biss) u dan sabiex jiġu evitati inċidenti bla bżonn. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

26.3.4 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li kellu laqgħa mall-Arċipriet fejn ġie nfurmat li qed jingħalaq l-aċċess għas-sala tal-knisja u għal min juża l-entratura ta' naħa tal-kampnar minħabba li qed jipparkjaw il-vetturi fuq il-bankina.

26.3.5 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti l-attivita' tal-Clean Up kienet attivita' tajjeb u irringrazzja lill-iskola Primarja St.Joan Antide u lill-Puliżija tal-Komunita' li ħadu sehem f'din l-attivita.'

26.3.6 Is-Sindku għamel referenza għall-attivita' sportiva li saret il-Ħadd 21 ta' Settembru, fejn qal li xtaq li jkun hemm iktar parteċipazzjoni għal attivitajiet bħal dawn. Is-Sindku żied jgħid li tqassmu wkoll xi stationery lit-tfal kollha li attendew il-quddiesa ta' Ħadd ta' qabel ma tibda s-sena skolastika.

26.3.7 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li IM infurmat lill-Kunsill li ser isir xogħol infrastrutturali fi Sqaq Cagħki.

26.3.8 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li wara li l-Kunsill għamel l-applikazzjoni tiegħu mall-Lands minħabba l-biċċa art fi Triq il-Markiża, il-Kunsill ġie nfurmat li dik l-art tapartjeni il-privat. Is-Sindku qal li jinsab iddiżapuntant wara li l-istess Kunsill kien beda jaħdem fuq il-pjanti tal-binja li kellha tiġi f'din il-biċċa art.

26.3.9 Is-Sindku f'isem il-Kunsill Lokali tah l-awgurju tiegħu lill-Arċipriet tal-unur li rċieva fl-aħħar jiem bħala Kavallier. Is-Sindku propona li l-Kunsill jibgħat ittra uffiċjali ta' Awgurju. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk preżenti.

26.3.10 Is-Sindku għamel referenza għall-invit li rċievew il-membri tal-Kunsill dwar id-Domna ta' Santa Marija. Għal din l-okazzjoni, il-Kunsill ser ikun qed jixtri u jħawwel żewġ siġriet fi Ġnien Raymond Caruana u fi Ġnien il-Qari.

26.3.11 Ġiet preżentata korrispondenza li ntbgħatet mill-Gudja United fejn għamlu talba għal van għall-attivita li ser jagħmlu fit-22 ta' Ottubru. Dawk preżenti laqgħu din it-talba.

26.3.12 Ġiet preżenata korrispondenza li ntbgħatet mill-Gudja United fejn talbu biex il-Kunsill jgħin finanzjament sabiex jaggħmlu van għal kull logħba li jkollhom matul l-istaġun tal-futbol. Wara diskussjoni, l-membri tal-Kunsill ma laqgħux din it-talba.

26.3.13 Preżentati l-kwotazzjonijiet tal-plakka tal-latrina pubblika. Il-Kunsill qabel li morru għall-irħas kwotazzjoni.

18.25hr Il-Kunsillier S Caruana ingħaqad fil-laqgħa.

26.3.14 Ġiet preżentata korrispondenza dwar it-tielet konferenza tal-proġett SECURE li ser isir bejn is-17 u l-20 ta' Novembru ġewwa l-Polonja. Is-Sindku talab sabiex il-Kunsilliera juru l-interess tagħhom biex jattendu fl-iqsar żmien possibbli biex isiru tħejjijiet neċċessarji.

**26.4 Attivita' tal-Milied 2025;**

26.4 Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li l-Kunsill kien qed jaħdem fuq l-attivita tal-Milied. Ġiet preżentat draft tal-programm, fejn ser ikun qed jieħu sehem xi korijiet ta' tfal. Il-Kunsilliera C Chetcuti propniet biex noħorġu sejħa għall-kantanti lokali. Il-Kunsill qabel ukoll li navviċinaw lill-Kurt Calleja bħala guest singer.

**26.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

26.5.1 Il-Kunsilliera C Chetcuti ġibdet l-attenzjoni li qed ikun diversi drabi li qed jitħallew il-boroż tal-iskart fi Triq Ħal Resqun. Is-Sindku nfurmaha li l-Kunsill mill-ewwel jagħmel ir-rapport u l-kuntrattur jara li jerġa jiġi biex jinġabar dakinhar stess.

26.5.2 Il-Kunsillier S Caruana għamel referenza għal problema tal-karozzi tal-kiri, u li anke qed jerġgħu jipparkjaw il-vetturi fuq il-ħamrija.

26.5.3 Il-Kunsillier S Caruana propona biex isiru xi bollard fi Triq Ħal Resqun għal fatt li l-karozzi li jkunu ġejjin minn naħa tal-ajruport ma jżommux il-lane u qed jispiċċaw jmorru fuq il-lane l-oħra biex jidħlu għal Ħal Resqun. Dan qed joħloq periklu kbir.

**26.6 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

a. Ġnien Raymond Caruana – progress

   Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li x-xogħol fuq il-gazebo kien lest u bħalissa għaddejjin ix-xogħlijiet fuq il-funtana. Is-Sindku qal ukoll li kien hemm xi problema b'xi search light tal-ground, imma din ġiet solvuta wkoll. Il-Kunsillier C Chetcuti talbet sabiex jekk hux possibbli .li jitnaqqas il-qawwa ta' dawl li sar fil-ġnien speċjalment wara l-11pm għax hemm dawl qawwi ħafna.

b. Miz 4.4: Ħitan tas-Sejjieħ – progress
c. Miż 4.3 – Toroq Rurali – progress

Is-Sindku nforma lil dawk preżenti li wara laqgħa li l-Kunsill kellu ma' rappreżentanti tal-Fondi Ewropej fejn talbu li x-xogħol u dokumenti kollha jaslu għandhom sa mhux aktar tard mill-15 ta' Novembru 2025. Is-Sindku qal li l-Kunsill kellem lill-kuntrattur dwar dan sabiex ilesti xogħlijiet fil-ħin biex ma jintilfhux flus.

d. Proġett tal-Pjazza – progress
e. Proġett tal-Ġnien ta` fejn il-Palazz – progress
f. Proġett ta' Rinovazzjoni tal-Latrina Pubblika – progres

**25.7 Rapporti;**

Ma kienx hemm.

**26.8 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

Il-pagamenti nru 17/9 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Kunsilliera C Chetcuti u sekondata mill-Kunsillier S Caruana għall-ammont totali ta' €43,601.14 u ġiet approvata nem con.

26.9 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-Laqgħa ntemmet fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (7:30pm). Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Ħamis 13 ta' Novembru 2025 fil-5.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum il-Ħamis 13 ta' Novembru 2025

ffirmati
Romeo Baldacchino
Sindku

ffirmati
Lara Mascena
Segretarju Eżekuttiv